# JOSEPH HOWARD

## 1862-1925



### PROFIL

Twieled il-Belt Valletta nhar l-4 ta' Diċembru 1862, iben Francesco u Lorenza nèe Agius. Irċieva l-edukazzjoni tiegħu fil-Liċeo tal-Belt Valletta, u aktar tard kompla bl-istudji barra minn xtutna. Kien miżżeweġ lil Maria Carmela nèe Cerravalo. Daħal fis-settur kummerċjali bħala direttur tal-kumpanija Cousis Cigarettes. Huwa serva bħala l-ewwel Prim Ministru ta' Malta bejn is-26 ta' Ottubru 1921 u t-13 ta' Ottubru 1923. Kien onorat bit-titlu ta' O.B.E. mir-Re George V. Howard miet fl-20 ta' Mejju 1925 fl-eta ta' 62 sena, u ġie midfun f'Kappella privata fit-taqsima Diviżjoni Punent U-A-29 fiċ-Ċimiterju ta' Santa Marija Addolorata.

### POLITIKA

Fl-1912, Howard ġie elett membru tal-Kunsill tal-Gvern f'isem il-Comitato Patriottico. Wara l-għoti tal-Gvern Responsabbli fl-1921, huwa kien elett f'isem l-Unione Politica Maltese. Dan il-partit irnexxielu jtella l-akbar numru ta' siġġijiet, u għalhekk il-kap tiegħu kellu l-jedd li jinħatar Prim Ministru. Madankollu, Mons Ignazio Panzavecchia rrifjuta din il-kariga minħabba li kien saċerdot, u l-Gvernatur Lord Plumer, offra din il-kariga lil Joseph Howard. Fost l-ewwel liġijiet li għaddew taħt it-tmexxija tiegħu, insibu l-Att tal-1922 li jiddikjara il-Kattoliċiżmu bħala r-reliġjon uffiċjali ta' Malta. Liġi oħra kienet dik tat-tagħlim pari passu tal-Ingliż u t-Taljan fl-iskejjel primarji. Fl-1923, kien kostrett jirriżenja minn Prim Ministru wara li qal xi kliem meqjus żleali lejn l-Ingilterra waqt żjara f'Ruma.

### KARIGI U ĦIDMIET

Howard okkupa diversi karigi, fosthom bħala uffiċċjal fl-Akkademja Militari Franċiża. Huwa serva bħala President tas-Soċjetà tal-Arti, Manifattura u Kummerċ, u kien ukoll Konslu ta' Malta għall-Ġappun bejn l-1914 u l-1925. Serva wkoll bħala President tal-Kumitat Governattiv tal-Emigrazzjoni, filwaqt li fl-1919 mexxa delegazzjoni lejn Franza dwar l-ingaġġ tal-Maltin fl-istess pajjiż. Howard okkupa l-kariga ta' President tal-Banda Filarmonika La Valette u kien membru fil-Kumitat tal-Konservatorju Vincenzo Bugeja.

### TAGĦRIF IEĦOR

Bħala Prim Ministru, Howard kien magħruf għas-sens ta' tolleranza u għall-ħila amministrattiva tiegħu. Meta fl-1942, ġie inawgurat il-ġnien ta' bejn ir-Rabat u l-Imdina, dan issemma' għalih.

© 2021 Heritage Malta Publishing